MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 56/1980/1

**Kummissarju tal-Art**

**vs**

**Mario Galea Testaferrata, Helen Miles, Lino Testaferrata Bonici, Alfio Testaferrata Bonici Axaiq, Florence Jensen, Teresina Trapani Galea. Emily Trapani Galea , Nathalie Bianchi, Dororthy Trapani Galea u Guno Trapani Galea Feriol f'ismu proprju u bhala mandatarju atal-assenti Marlene Huber u bhala kuratur tal-assenti Geraldine Trapani Galea skond zewg degrieti tas-Sekond'Awla numru 987/72 u 529/77**

**U b'digriet tal-4 ta' Mejju 1981 Dr Emnauel Buttigieg u P.L. Benedict H. Dingli gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw is-sidien mhux maghrufa ta' l-eredita' ta' l-istess Florence Jensen peress illi dina mietet fil-mori tal-kawza**

**U b'nota tad-9 t'Ottubru 1995 Nicholas Jensen assuma l-atti tar-rikors f'ismu proprju u bhala**

**prokuratur tal-assenti ohtu Irene Bache minflok Alfred Gera de Petri.**

**U b’nota ohra tad-9 t’Ottubru 1995 Anna Maria Spiteri Debono assumiet l-atti tar-Rikors bhala prokuratrici ta’ ohtha l-Kontessina Caren Preziosi minflok l-Baronessa Maria Testaferrata Bonici**

**U b’nota ohra tad-9 t’Ottubru 1995 Anna Maria Testaferrata Bonici indikat li llum hija mart Joseph Spiteri Debono kif ukoll Irene Jensen indikat li llum hija mart John Bache**

**U b’digriet tal-11/10/95 il-gudizzju gie trasfuz fuq Alfred Gera de Petri bhala ezekutur u in rapprezentanza tal-eredita’ tal-Markiz Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq**

**u b’digriet tal-24 t’Awissu 2000 l-gudizzju gie trasfuz f’isem Gino Trapani Galea f’ismu proprju u ghan-nom t’ohtu Marlene Huber li hija assenti minn Malta, Emily xebba Trapani Galea, Dorothy xebba Trapani Galea, Nathalie Bianchi sabiex ikun jistghu jkomplu l-kawza flok Teresina u Geraldina Trapani Galea stante l-mewt taghhom.**

**U b’digriet tal-Bord tal-5/09/08 wara l-mewt ta’ Mario Galea Testaferrata l-atti kienu trasfuzi f’isem Camilla Scerri, James, Maria u Simon Galea Testaferrata**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti fejn qed jesponi:

“Illi b’zewg ittri ufficjali tal-24 ta’ Mejju, 1971 u tat-22 t’Awissu, 1980, l-intimati gew notifikati b’kopja ta’ Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Generali, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li bicca art fil-Marsa tal-kejl ta’ 2 sieghan u 4 kejliet li tinkludi parti minn razzett, li tmiss mix-Xlokk ma’ proprjeta’ tad-ditta Tyresole Ltd., mill-Majjistral ma’ proprjeta’ tas-sur Louis Camenzuli u mit-Tramuntana mal-

bqija tal-art li mjinnha taghmel parti hija mehtiega ghall-skopijiet pubblici u li l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut.

Illi l-intimati gew ukoll notifikati b'Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fuq imsemmija huwa ta' tlett mitt lira (Lm300.00) kif jidher mir-rapport tal-perit Rene' Buttigieg A.&C.E tal-24 ta' Marzu, 1971 li estratt tieghu huwa anness mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi l-intimati Mario Galea Testaferrata; Helen Miles; Lino Testaferrata Bonici; Alfio Testaferrata Bonici Axiaq; u Florence Jensen ma rrispondewx ghall-Avviz ghal-Ftehim fiz-zmien li trid il-ligi u ghalhekk accettaw il-kumpens offert.

Illi b'ittra ufficjali tad-19 ta' Settembru, 1980, l-intimati l-ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' seba' mija u hamsa u sebghin lira (Lm775.00)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv a rigward tal-intimati li ma accettawx il-kumpens offert, jinnomina lin-Nutar Alexander Grech bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 136)."

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi kif jiddemostraw l-atti, dan huwa kaz mressaq mill-Kummissarju tal-Artijiet li adixxa lil dan il-Bord bit-talba li jordna lill-intimati jersqu ghat-trasferiment ta’ bicca art espropprijata mill-pussess taghhom wara li rrifjutaw il-kumpens offert ghal dan it-tehid. Din l-art tinsab fil-Marsa u ghandha kejl ta’ zewg sighan u erba kejliet li ghaliha r-rikorrenti offra kumpens ta’ Lm300 llum ekwivalenti ghall-€698.81 izda l-intimati rrifjutaw dan il-kumpens ghaliex isostnu li l-valur taghha huwa ta’ Lm775.00 llum ekwivalenti ghall-€1805.26. L-art kienet esproprijat bis-sahha ta’ dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-1967;

In sostenn tal-pretensjoni taghhom l-intimati ressqu bhala xhud lil perit arkitett taghhom li spjega illi din l-art tifforma parti minn territorju akbar li ghandu access ghat-triq. Aspett dan li jassumi importanza fil-kwadru tal-ligi vigenti f’dawk iz-zminijiet sabiex ikun komputat il-valur xieraq. Dan ix-xhud iddepona fis-seduta tat-30 t’April 1982 u minn dak iz-zmien sa ricentement ma sar ebda progress f’din il-kawza ghal diversi ragunijiet li jinsabu registrati in atti;

Illi c-Chairman tal-Bord kien assenja biex jassistuh tnejn mill-periti membri tieghu u dan sa mill-inizzju tal-proceduri, jigifieri fl-1980. Minkejja dan it-trapass ta’ zmien, l-periti membri kienu naqsu milli jipprezentaw ir-relazzjoni taghhom u ghalhekk kien deciz li dawn ikunu sostitwiti bl-assenjazzjoni ta’ zewg periti membri ohra kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-6 t’Ottubru 2011. Wara illi l-periti membri l-godda zammew access fuq l-art in kwistjoni, l-periti membri sostitwiti dehru fis-seduta tad-29 ta’ Frar 2012 u ddikjaraw illi kienu lesti jipprezentaw ir-relazzjoni taghhom. Il-partijiet ma opponewx u ghalhekk il-Bord rrevoka l-assenjazzjoni tal-periti l-membri l-godda u rriassenja l-periti membri originarjament nominati sabiex b’hekk finalment setghet tkun prezentata r-relazzjoni li tinsab a fol 185 *et seq* tal-process.

Il-periti membri tal-Bord kkonkludew bil-mod segwenti fir-relazzjoni taghhom: “*Mehudin dawn il-konsiderazzjonijiet, minn kalkoli li ghamilna jirrizultalna illi a basi ta’ l-Ordinanza Kap 88 il-valur komplessiv ta’ Plot 4 u Plot 16 huwa ta’ l-ammont ta’ Euros 1602.60 ekwivalenti ghal*

*Lm688 liberu u frank inkluz benefikati*". Illi huwa immedjatament evidenti minn dan illi l-periti membri huma zbaljati billi taw valur komplessiv ta' zewg porzjonijiet art meta l-kawza odjerna tikkoncerna porzjon wiehed biss. Huwa minnu illi l-intimati kienu notifikati bid-dikkjarazzjoni tal-Gvernatur Generali rigwardanti z-zewg porzjonijiet ta' art u b'Avviz ghal Ftehim wiehed rigwardanti Plot 4 u Plot 16 izda huma kienu offerti s-somma ta' Lm300 fuq Plot 4 jigifieri l-art in mertu u Lm100 fuq il-Plot 16 li jista' jkun li r-rikorrenti pproceda separatament dwarha. Sabiex il-Bord ikun gwidat ahjar kemm mill-ammont ta' €1602.60 huwa attribwibbli lill-Plot 4 u kemm lill-Plot 16, jehtieg li l-periti membri ikunu mitluba jirrelataw mill-gdid, izda din mhix it-triq li fi hsiebu jimxi fiha dan il-Bord. Dan ghaliex it-trapass ta' zmien esagerat gia huwa pezanti hafna fuq r-retta amministrazzjoni tal-Gustizzja. Tenut kont li l-periti membri hadu l-inkarigu li jelenkaw dettalji mhux prettament marbuta mal-kompitu taghhom, huwa pjuttost inkredibbli kif naqsu milli josservaw punt daqshekk krucjali ghall-ezitu ta' dawn il-proceduri. Issa jekk is-somma ta' Lm688 tinqasam *pro rata* s-somma originarjament offerta fuq iz-zewg plots jirrizulta illi l-valur gust fuq plot 4 ghandu jkun ta' Lm516 filwaqt illi dak ta' Plot 16 ghandu jkun ta' Lm176 f'*ratio* ta' 3:1. Konsapevoli tal-fatt illi ghall-valutazzjoni ta' art hemm diversi fatturi li jistghu jincidu fuq il-valur ahhari u certament mhux semplici divizjoni *pro rata*, kif gia inghad dan il-Bord mhux fi hsiebu jiddelunga aktar dan il-process u tenut kont li l-intimati kienu qed jistennew kumpens fl-ammont ta' Lm775, fid-diskrezzjoni tieghu, la darba l-ammont pretiz mhux daqstant boghod minn dak offert, qed ikun iffissat il-kumpens fil-valur ta' Lm700 llum ekwivalenti ghall-€1630.56;

Ghalhekk filwaqt illi jiddikjara lil Mario Galea Testaferrata, Helen Miles, Lino Testaferrata Bonici, Alfio Testaferrata Bonici Axiaq u Florence Jensen kontumaci billi tardivi fir-risposta ghall-Avviz ta' Ftehim, jilqa' t-talba tar-rikorrenti billi jordna lill-intimati jitrasferixxu favur ir-rikorrenti b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-porzzjon ta' art fil-Marsa tal-kejl ta' 2 sieghan u 4 kejliet li tinkludi parti minn razzett, li tmiss mix-Xlokk ma' proprjeta' tad-ditta Tyresole Ltd., mill-Majjistral ma' proprjeta' tas-sur Louis Camenzuli

u mit-Tramuntana mal-bqija tal-art, liema art qed ikun dikjarata agrikola u dan versu il-valur ta' €1630.56. Dan il-valur ghandu jithallas lill-intimati kollha skond il-kwoti rispettivi taghhom wara li minnu titnaqqas il-kwota dovuta lill-intimati kontumaci hawn imsemmija mis-somma ta' Lm300.00 (€698.81) stante l-kontumacja taghhom u dan oltre l-imghax skond il-ligi dovut lill-kull intimat.

Inoltre jordna l-publikazzjoni tal-att min-Nutar tad-Dipartiment tal-Art li attwalment jokkupa din il-kariga llum u dan nhar l-20 ta' Gunju fis-2:30pm. Jinnomina lill-Avukat Dr. Annalize Debono sabiex tidher ghall-kontumaci u li ghandha tkun mgharrfa mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------